# L-anzjani fid-dinja diġitali

L-avvanzi teknoloġiċi, fid-dinja moderna tal-lum, qegħdin ibiddlu s-setturi kollha tas-soċjetà inkluż il-mod ta' kif ngħixu, naħdmu u nikkomunikaw ma' xulxin. Skont stħarriġ ippubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (l-NSO)[1] fl-2020, **86.8% tal-irġiel** u **87% tan-nisa** użaw l-internet fit-tliet xhur qabel il-perjodu ta' stħarriġ.

L-istess stħarriġ juri wkoll li hemm qasma diġitali sinifikanti bejn il-ġenerazzjonijiet li tiżdied bl-età. Persuni anzjani li ma kibrux f'dinja teknoloġika qegħdin jużaw l-internet u mezzi diġitali oħrajn inqas ta' spiss meta mqabbla ma' ġenerazzjonijiet iżgħar. Minkejja dan, tajjeb li nsemmu li, fl-**2015**, madwar **35%** tal-individwi li għandhom bejn **il-65 u l-74 sena** użaw l-internet fit-tliet xhur qabel il-perjodu tal-istħarriġ, meta mqabbla ma' **97.9%** taż-żgħażagħ ta' bejn **is-16 u l-24 sena**.[2] Fl-2020, dawn il-figuri telgħu għal madwar **49%** għall-individwi li għandhom bejn **il-65 u l-74 sena** u **100%** għaż-żgħażagħ ta' bejn **is-16 u l-24 sena**. B'riżultat ta' dan, persuni anzjani mhumiex qegħdin jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-opportunitajiet ipprovduti minn dan il-progress teknoloġiku.

Kien propju għalhekk li din is-sena ntgħażlet it-tema **'Ekwità Diġitali għall-Etajiet Kollha'** min-Nazzjonijiet Magħquda għall-'Jum Internazzjonali tal-Anzjani'.[3] It-tema ta' din is-sena għandha sservi sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar l-importanza tal-inklużjoni diġitali fost l-etajiet kollha inkluż fost il-persuni anzjani, filwaqt li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-persuni anzjani fid-dinja diġitali sabiex jingħelbu l-isterjotipi assoċjati mad-diġitalizzazzjoni u persuni kbar fl-età.

Minkejja li matul din l-aħħar sena u nofs, il-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha bosta sfidi, wieħed mill-benefiċċji li ġabet magħha l-pandemija huwa li żdied aktar l-għarfien dwar l-importanza tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Dan għaliex waqt perjodu daqstant diffiċili u delikat, persuni anzjani li kienu jafu jużaw mezzi diġitali setgħu jżommu

[1] https://nso.gov.mt/en/News_Releases/Documents/2021/02/News2021_028.pdf
[2] https://nso.gov.mt/en/News_Releases/View_by_Unit/Unit_C4/Education_and_Information_Society_Statistics/Documents/2016/News2016_030.pdf
[3] https://www.un.org/development/desa/ageing/2021-unidop-digital-equity-for-all-ages.html

kuntatt mal-membri tal-familja u ħbieb, u jżommu ruħhom aġġornati bl-aħħar informazzjoni u pariri mogħtija mill-awtoritajiet tas-saħħa.

F'Malta, aktar kmieni din is-sena tħabbar li qiegħda ssir ħidma kontinwa sabiex id-djar tal-anzjani kollha tal-Gvern jiġu attrezzati bis-servizz tal-WiFi bil-għan li aktar anzjani jużaw l-internet u għodod oħrajn tal-informatika filwaqt li jkunu jistgħu jżommu kuntatt aktar fil-qrib ma' qrabathom.[4]

Madanakollu, bħalma l-anzjani jieħdu ħsieb is-sigurtà tagħhom fil-ħajja normali ta' kuljum, l-istess iridu jagħmlu meta jkunu fuq fid-dinja diġitali. Kien propju għalhekk li f'Marzu 2021 l-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika (il-MITA) nediet kampanja fuq il-mezzi tax-xandir sabiex tgħin lill-anzjani jipproteġu lilhom infushom fuq l-internet. Din il-kampanja titratta diversi temi fosthom is-sigurtà fuq il-WiFi pubbliku, l-importanza ta' *passwords* b'saħħithom, imejls u links qarrieqa, l-użu ta' *software* bħal anti-virus u *anti-spyware*, kif ukoll il-protezzjoni ta' informazzjoni personali u sensittiva. [5]

F'dan il-Jum Internazzjonali tal-Anzjani huwa ferm importanti li nkomplu nindirizzaw sfidi oħrajn li jaffettwaw 'l anzjani, b'mod partikolari dawk l-anzjani li jibqgħu attivi fid-dinja tax-xogħol. Ħaddiema kbar fl-età għandhom jingħataw l-istess opportunitajiet bħal kull ħaddiem ieħor, f'dawk li huma impjiegi, promozzjonijiet u taħriġ.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) taħdem sabiex tħares l-ugwaljanza għall-anzjani fl-impjiegi, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll fejn jidħlu banek u istituzzjonijiet finanzjarjii.

Għaldaqstant, **il-Jum Internazzjonali tal-Anzjani** għandu jservi biex ilkoll flimkien bħala soċjetà nirriflettu fuq il-ħidma tagħna sabiex verament jittieħdu dawk il-miżuri neċessarji li jwasslu biex l-anzjani jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu ħajja ta' kwalità u jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom fis-soċjetà.

[4] https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2021/January/28/pr210175.aspx
[5] https://cybersecurity.gov.mt/mt/il-mita-thabbar-inizjattiva-gdida-sabiex-tghin-lill-anzjani-fid-dinja-digitali/

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2295 7850 jew billi tidħol fuq il-websajt [www.ncpe.gov.mt](http://www.ncpe.gov.mt)*

**27 ta' Settembru 2021**